Sommarju ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu ta' sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)

(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [1])

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 288/05)

Deċiżjonijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni

Referenza tad-deċiżjoni [1]	Data tad-deċiżjoni	Isem is-sustanza	Detentur tal-awtorizzazzjoni	Numru tal-awtorizzazzjoni	Użu awtorizzat	Data tal-iskadenza tal-perjodu tar-reviżjoni	Raġunijiet tad-deċiżjoni
C(2015) 6007	l-1 ta' Settembru 2015	Triossidu tad-diarseniku Nru tal-KE 215-481-4 Nru tal-CAS 1327-53-3	Linxens France, 37, Rue des Closeaux, 78200 Mantes La Jolie, Franza	REACH/15/4/0 REACH/15/4/1	Il-formulazzjoni tat-triossidu tad-diarseniku f'taħlita L-użu industrijali tat-triossidu tad-diarseniku bħala għajnuna fl-ipproċessar fl-elettro-depożizzjoni tad-deheb	il-21 ta' Mejju 2022.	Skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi jegħlbu r-riskju għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta mill-użu tas-sustanza u ma hemmx sustanzi jew teknoloġiji alternattivi adatti f'termini tal-fattibbiltà teknika u ekonomika tagħhom, filwaqt li għaddejja ħidma lejn l-implimentazzjoni potenzjali ta' alternattiva f'perjodu ta' mhux inqas minn tlieta sa ħames snin.

[1] Id-deċiżjoni hi ppubblikata fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about/index_en.htm

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.